# L-Ilma ta' ġol-Blat

*Kitba ta' Ġużi Gatt*

Billi gżiritna hi xotta u nieqsa mill-ilma, il-bniedem sa mill-qedem ħabrek biex mhux biss iriegi l-ilma tax-xita li jiġri fil-widien u saħansitra dak li jaqa' fuq il-bjut ta' daru u jsewqu għal ġol-bjar u l-ġwiebi, imma ħabrek ukoll biex jerfa' l-ilma li jkun hemm maħżun fil-blat taħt l-art u jużah għax-xorb u t-tisqija tar-raba'. Jista' jkun li fl-imgħoddi mbiegħed, Malta ma kinitx abitabbli li ma kienx għall-ilma maħżun fis-saffi tal-blat.

Kull min jaħdem fil-barrieri jew li dari kien ibaqqan fit-trinek jew iħaffer il-bjar jaf li l-blat "kull xiber iqalleb". Filli qed taħdem fl-artab, u filli ssib il-qawwi. M'hijiex ħaġa ħafifa li tikklassifika l-għamliet tal-blat. Imma tul dawn l-aħħar mitejn sena, l-istudju tal-ġeoloġija wasal fi qbil li Malta hi magħmula minn ħames saffi ta' blat differenti.

Is-saff ta' fuq nett jissejjaħ il-Qawwi ta' Fuq. Das-saff hu blat iebes, imma għandu l-pori tiegħu ħoxnin b'mod li l-ilma jgħaddi minnu bla tbatija. Taħtu hemm saff li jissejjaħil-Ġebla s-Safra jew Ġebla tar-Rina. Dan mhux xi saff oħxon u rari biex Malta u Għawdex issibu aktar minn metro għoli. L-ilma lanqas minn dan is-saff ma' jibżà. Jgħaddi minnu wkoll. Imma meta jasal sat-tielet saff ta' blat, l-ilma jsib bużillis u jkollu jieqaf. It-tielet saff hu s-saff tat-Tafal. Mit-tafal, l-ilma ma jgħaddix, allura jiżżerżaq u jiġri fuqu sakemm fl-aħħar, jekk isib minn fejn, jerġa' inixxi 'l barra għall-arja f'nixxiegħa li ġġelben mal-ġnub tal-widien. L-ilma tan-nixxiegħat u l-għejun, u dak li jinstab jiġri fil-widien jissejjaħ Ilma Ġieri.




F'Malta mhux kullimkien issib il-ħames saffi tal-blat kollha fuq xulxin. Biex naqtgħu linja dritta, meta taqbeż is-Siġġiewi (bejn wieħed u ieħor) 'l

isfel lejn Marsaxlokk, l-ewwel tliet saffi li semmejna: il-qawwi ta' fuq, ir-rina, u t-tafal, kollha ttieklu mill-elementi fuq medda ta' eluf kbar ta' snin. Fin-naħiet t'isfel ta' Malta, fil-wiċċ insibu l-Globiġerina. Il-famuża "franka" li minnha nibnu l-bini tagħna, hi parti mill-gobiġerina. Taħt il-globiġerina hemm il-Qawwi ta' Taħt jew iż-Żonqor (ara ftit id-disinn li jmiss)

Peress li mit-tafal l-ilma ma jgħaddix, iż-żewġ saffi fuqu jsiru qishom sponż mxarrba. Din il-ħażna ta' l-ilma, il-bniedem jista' jagħmel użu minnha billi jħaffer Spiera (pl. spejjer/spieri). Bil-mezzi moderni ta' żmienna tista' tħaffer f'kemm trodd salib; imma dari kien ikollhom iħaffru spiera bil-baqqun.




Spiera mħaffra bil-mod tradizzjonali

Spiera tkun magħmula minn




Billi dil-kitba hi fuq l-ilma li hemm ġol-blat, ejja għalissa nikkonċentraw fuq l-ewwel tliet saffi: mill-qawwi ta fuq sat-tafal.

toqba tonda, imħaffra 'l isfel fil-blat. It-toqba tkun wiesgħa biżżejjed li jgħaddi bniedem minnha, imma fl-istess ħin dejqa biżżejjed biex bniedem ikun jista' jinżel fiha billi jqabbad sieq waħda ġo toqba li tkun imħaffra fil-ġenb fuq naħa, u s-sieq l-oħra ġo toqba oħra mħaffra fuq il-ġenb l-ieħor. Dawn it-toqob jissejħu Mqabad u jkunu mgħawrin 'l isfel, f'għamla ta' ħawt żgħir, biex ikollhom ħanek ma' fejn wieħed jista' jiggranfa. Malli l-ħofra tasal fil-fond biżżejjed (jekk jista' jkun sakemm jinstab it-tafal), imma dan mhux bil-fors)

titħaffer mina, jew tnejn, jew tlieta. Il-ħsieb ikun li l-ilma maqbud ġol-blat ikun jista' joqtor bil-mod, ġol-mina. Itwal ma tkun il-mina, jew iktar ma tħaffer mini, iktar aħjar, għax l-ilma jkollu firxa ikbar minn fejn joqtor. B'hekk il-mina tkun saret Qattara, bl-ilma joqtor mis-saqaf u l-ġnub tagħha. Isfel nett, bi dritt il-bokka, titħaffer ħofra li tissejjaħ il-Maħżna jew il-ħażna. Peress li l-art tal-mina tkun bi ftit tal-pindli, jiġifieri titħaffer ftit imżerżqa, l-ilma li joqtor jiżżerżaq u jiġri 'l isfel għal ġol-maħżna. Minn ġol-maħżna, l-ilma jittella' 'l fuq bħalma jittella' l-ilma minn ġo xi bir.

Mhux ċar il-kelma "spiera" minn fejn hi ġejja. X'aktarx li hi kelma barranija li ħadet post kelma oħra eqdem u aktar Maltija. Din il-kelma eqdem u aktar Maltija hi l-kelma Qana. (Il-kelma "qana" għandha tingħad b'vokali qosra, biex taqbel mal-kelma "mara", jew "dara", Mhux bl-ewwel vokali twila, bħal "vara" jew "gara") Dari, il-kelma "qana" tant kienet importanti li hi waħda mill-ftit kelmiet bil-Malti li l-Professur Godfrey Wettinger sab imniżżla f'manuskritt medjevali fl-arkivji ta' Malta u Sqallija. Il-manuskritti jkunu miktuba bl-Isqalli, jew bit-Taljan qadim, jew bil-Latin; imma l-kittieb xi kultant kien isib ċerta diffikultà biex ifisser ruħu u kien iniżżel il-kelma kif tinħass u tingħad bil-Malti.

Din il-kelma tissemma wkoll fil-ktieb ta' Gian Francesco Abela 'Della Descrittione di Malta', meta tkellem fuq il-bini ta' l-akwadott ta' Wignacourt. F'paġna 111 insibu miktub "....cana, o'mina nella rocca".




In-nisel tal-qana hu qadim ħafna. L-istess bħal fil-każ ta' l-ispiera, l-ewwel trid tħaffer toqba tonda 'l isfel fil-blat sakemm issib il-ħażna ta' l-ilma li jkun nixxa fil-blat. Il-mina, jew il-qattara, titħaffer b'mod li tibqa' sejra sakemm tinfed il-blat u tfiġġ għall-arja fil-ġenb ta' xi wied. L-ilma li joqtor fil-qattara jiżżerżaq u jiġri tul il-mina sakemm

hu wkoll isib l-arja ta' barra. F'tarf il-mina jitqiegħed xi ħawt biex jimtela' u l-qana sservi ta' għajn li minnha jixorbu n-nies jew il-bhejjem. Jew inkella tista' tinbena sistema ta' swieqi jew kanali li minnhom jiġri l-ilma biex isaqqi r-raba' ta' madwar, li l-biċċa l-kbira jkun imtarraġ 'l isfel.

Dari, qwieni bħal dawn kienu komuni ħafna fir-raba' ta' madwar l-Imdina, ir-Rabat, Ħad-Dingli, u wieħed għadu jista' jarahom, speċjalment f'Wied ir-Rum fejn hemm ħafna ġonna b'ismijiet bħall-Qattarda, Ta' Baldu, Tas-Simblija, eċċ.

***L-Ilma tal-Pjan***

L-ilma li jaħrab minn fuq it-tafal jista' jsib ruħu fuq ir-raba' saff ta' blat li minnu hi magħmula Malta - Il-Globiġerina. Din għandha l-pori wkoll u l-ilma jgħaddi minnha bil-mod sa ma jsib l-aħħar saff - iż-Żonqor jew il-Qawwi ta' Taħt.

La wasal s'hawn, l-ilma issa jkun qiegħed invell mal-baħar. L-ilma baħar jgħaddi minn ġol-blat ukoll u jekk tħaffer 'l isfel iżżejjed, issibu. Imma l-ilma ħelu hu eħfef mill-ilma mielaħ.

L-ilma ħelu jgħum fuq wiċċ l-ilma mielaħ u s-saff ta' ilma ħelu li jirriżulta jissejjaħ il-Ħażna ta' l-Ilma tal-Pjan. Il-Maltin ilhom jafu b'dan u jħaffru wkoll mini u spejjer biex jużaw l-ilma tal-pjan għall-ħtiġijiet tagħhom.




**Frans** Motoring School

Enquire at: 129, St. Margaret Street, Siggiewi
Tel: 2146 7832